

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Settembru 2008

li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossier li tressaq għal eżami dettaljat bil-ħsieb tal-inklużjoni possibbli tal-ispettoram fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 4965)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/740/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(5) Din id-Deċiżjoni għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant li jressaq *data* jew tagħrif ulterjuri sabiex jiċċara ċerti punti fid-dossier.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 (3) tagħha,

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

Billi:

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

(1) Id-Direttiva^{91/414/KEE} tistipula l-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.

(2) Tressaq dossier għas-sustanza attiva spinetoram minn Dow Agrosciences lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fis-17 ta' Ottubru 2007 b'applikazzjoni għall-kisba tal-inklużjoni tagħha fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) L-awtoritajiet tar-Renju Unit indikaw lill-Kummissjoni li, fuq eżami preliminari, id-dossier għas-sustanza attiva kkonċernata jidher li jissodisfa r-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dossier li tressaq jidher ukoll li jissodisfa r-rekwiżiti ta' *data* u tagħrif stipulati fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata. Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dossier intba-għat sussegwentament mill-applikant lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra, u ġie referut lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

(4) Permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi kkonfermat b'mod formali fil-livell Komunitarju li d-dossier meqjus li jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti tad-*data* u tat-tagħrif stipulati fl-Anness II u, għall-inqas għal prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 1

Bla ħsara għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dossier li għandu x'jaqsam mas-sustanza attiva identifikata fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni, li tressaq quddiem il-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-ħsieb li tinkiseb l-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness I ma' dik id-Direttiva, jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif stipulati fl-Anness II ma' dik id-Direttiva.

Id-dossier jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif stipulati fl-Anness III ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, filwaqt li jitqiesu l-użi proposti.

Artikolu 2

L-Istat Membru relatur għandu jeżamina fid-dettall id-dossier imsemmi fl-Artikolu 1 u għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-konklużjonijiet tal-eżami tiegħu flimkien ma' rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew in-nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanza attiva msemmija fl-Artikolu 1 u kwalunkwe kondizzjoni għal dik l-inklużjoni malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn perjodu ta' sena mid-*data* tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Sustanza attiva kkonċernata minn din id-deċiżjoni

Isem Komuni, Numru tal-Identifikazzjoni CIPAC	Applikant	Data tal-applikazzjoni	L-Istat Membru Relatur
Spinetoram Nru.-CIPAC: 802	Dow Agrosciences	fis-17 ta' Ottubru 2007.	Ir-Renju Unit